**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 867/2004**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Cassar)**

**vs**

**Charles Azzopardi**
**Omar Calleja**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Charles Azzopardi** detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 192685M u;

**Omar Calleja** detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 111788M;

Akkuzati talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn 3 u 4 ta’ Awissu, 2004 fil-Mosta ikkommettejtu serq t’ghodda li ma jeccedix l-elf lira ghad-dannu ta’ Fort Blocks Ltd., liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, u dan bi ksur t-artikoli 263 (a), 266, 267, 270, u 279 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess lejl u fi granet ta’ wara, f’dawn il-gzejjer, xjentement lqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat u dan bi ksur t’artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U lil Charles Azzopardi wahdu talli:

3. Sirt recediv ai termini t’artikoli 49, 50, u 289(1) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D nhar il-11 ta’ Ottubru 2002 li hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset id-dokumenti kollha prodotti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali.

Qieset ix-xhieda prodotti stante l-ezenzjoni mis-smigh tax-xhieda mill-gdid a folio 188 u 189 da parti tal-imputat Charles Farrugia u a folio 193 da parti tal-imputat Omar Calleja.

Semghet it-trattazzjoni ghan-nom tal-imputati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a folio 212 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-imputati huma akkuzati (1) b'serq t'ghodod, (2) b'ricettazzjoni u Charles Azzopardi wahdu (1) bir-recidiva.

**Il-Fatti Fil-Qosor**

Sar rapport minn Fort Blocks Limited li allegatament kienu nsterqu xi ghodda mill-proprjetà taghha. Zmien wara Derek Spiteri ghamel rapport mal-Pulizija li kien qabbad lill-imputati jaghmlulu xi xoghol u li kellhom fil-pussess taghhom dik l-ghodda misruqa. L-imputati gew interrogati mill-Pulizija u wara mressqa bil-prezenti akkuzi.

**Il-Provi**

A folio 31 tal-process xehed is-Surgent li ha r-rapport. Dan minn kliemu stess xehed fuq bazi ta' probabilità: "Dan il-probabilità hija li dahlu billi qabzu l-boundary wall..." (folio 32).

Il-PIRS report ikompli jghid a folio 36 tal-process: "Culprits most probably gained entrance..." Kif inhu ben saput il-mizien fil-kamp Kriminali huwa dak tal-prova minghajr ragonevoli dubju u mhux dak tal-probabli u ghalhekk ix-xhieda tal-imsemmi surgent ma tilhaqx il-grad tal-prova mitlub mil-ligi.

Fix-xhieda tieghu a folio 48 tal-process, l-Ispettur Ramon Cassar jispjega kif l-imputat Omar Calleja ammetta li l-ghodda kienet insterqet minnu, mill-imputat l-iehor u xi nies ohra u din kienet qed tintuza f'post fiz-Zejtun fejn huma kienu qed jaghmlu xi xoghol ta' bini. Però l-imputat l-iehor cahad li hu kien involut fis-serqa tal-istess izda ikkonferma li l-ghodda li saret referenza ghaliha kienet fil-post taz-Zejtun. Qal li ma kienx hu li hadha hemm.

Mix-xhieda ta' Joseph Gatt a folio 80 tal-process l-istess xhud jaghraf l-ghodda li nsterqet mill-fabbrika tieghu. Ipproduca rcevuti li gabhom stante li hu xtara l-ghodda mill-gdid. A folio 81 tal-process jghid li l-ghodda li nsterqet kienet ilha ghandu madwar tlettax-il sena. Ghalhekk l-istima u l-ircevuti li ngabu a folio 74 et sequitur tal-process, li jammontaw kumplessivament ghal madwar disa' mitt Lira, ma tantx jistghu jsarrfu fi prova ghaliex l-ammonti indikati jirreferu ghal ghodda gdida mentri dik li nsterqet kienet ilha tintuza madwar tlettax-il sena.

Il-Pulizija ressqet lill-istess Derek Spiteri bhala xhud taghha. Dan kien li nforma lill-Pulizija li l-ghodda li nsterqet kienet fil-post tieghu. Dan però fix-xhieda tieghu a folio 138 et sequitur tal-process xejn ma huwa konvincenti tant illi l-Ispettur kellu jfakkru kollox dwar ir-rapport li kien ghamel.

Il-prova tar-recidiva fil-konfront ta' Charles Azzopardi saret hekk kif jixhed (lura dak iz-zmien) l-Ispettur Dennis Theuma a folio 116 tal-process li identifika ukoll lill-istess imputat.

Id-Difiza ma ressqet l-ebda prova.

**Kunsiderazzjonijiet Tal-Qorti**

A. Illi kif inhu ben saput il-grad tal-prova fil-kamp Kriminali huwa dak li ma jhalli l-ebda dubju ragjonevoli. Illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma jilhqux dan il-grad rikjest mil-ligi u dan ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk segwenti:

    Minn imkien ma jirrizulta fi x'hin saret l-allegata serqa u ghalhekk l-aggravju tal-hin ma jirrizultax. Jirrizulta biss li fit-3.30 ta' wara nofsinhar fil-gurnata tat-03 t'Awwissu 2004 meta nghalaq il-post, l-ghodda kienet ghadha hemm.

    Lanqas ma jirrizulta ta' min huma l-marki li thallew mal-hajt u ghalhekk tali marki ma jistghux iwasslu ghall-sejbien ta' htija fl-imputati.

B. L-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati, wahda teskludi lill-ohra. Ghandu jinghad però illi fir-rigward tat-tieni akkuza u cioè dik ta' ricettazzjoni ma ngabet l-ebda prova. Konsegwentament din l-akkuza ma tirrizultax.

C. Il-prova tal-valur tal-ghodda misruqa kellha tkun prova tal-valur attwali u cioè wara li ghodda kienet ilha tintuza madwar tlettax-il sena u mhux valur tal-ghodda mixtrija gdida. Konsegwentament l-aggravji tal-valur lanqas jirrizulta.

D. L-aggravju tal-mezz u cioè allegatament l-isgass huwa wkoll mankanti. Dan ghaliex jirrizulta li min seraq dahal minn spazju vojt li kien hemm bejn l-apertura tal-bieb u l-bieb innifsu. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda sgass. Il-katnazzi li kien hemm miksura kienu jaghlqu il-pipes tad-diesel u ma jirreferux ghall-entratura tal-fond minn fejn sehhet is-serqa. Ghalhekk dan l-aggravju ukoll ma jirrizultax.

E. L-istqarrijiet tal-imputati ttiehdu minghajr ma nghata id-dritt ghall-assistenza ta' Avukat. L-iskorta ta' decizjonijiet kemm tal-Qorti Ewropeja kif ukoll tal-Qrati taghna issa hija ampja u ezawrenti, li tali stqarrijiet ma humiex ammissibbli bhala prova.

F. In oltre l-imputat Omar Calleja kien ghadu minuri u l-istqarrija lanqas ittiehdet fil-prezenza tal-genituri tieghu jew persuna/i nkarigati minnu.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ghalhekk naqset milli ggib l-aqwa prova u prova minghajr ragjonevoli dubju.

Konsegwentament fil-konfront tal-imputat Charles Azzopardi, la darba ma tirrizultax l-ewwel akkuza, taqa' wkoll it-tieni akkuza tar-recidiva.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputati u qed tilliberahom mill-akkuzi migjuba kontra taghhom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur